

- (2) Il-prinċipju ta' newtralitā fiskali ma jistax jipprekludi lil impiżi ta' kostruzzjoni, li tħallas il-VAT fuq servizzi ta' kostruzzjoni li hija twettaq f'isimha stess (provista għaliha nnifisha), li ma tnaqqasx integralment il-VAT fuq l-ispejjeż ġenerali sostnuti mit-twettiq ta' dawn is-servizzi, peress li d-dħul mill-bejgħ li jirriżulta mill-bejgħ tal-kostruzzjoni mwettqa b'dan il-mod huma eżenti mill-VAT.

⁽¹⁾ ĠU C 171, 05.07.2008.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-29 ta' Ottubru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs L-Irlanda

(Kawża C-188/08) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 75/442/KEE — Skart — Ilmijiet domestiċi mormija eliminati minn tankijiet settiċi fil-kampanja — Skart mhux kopert minn leġiżlazzjoni oħra — Nuqqas ta' traspożizzjoni)

(2009/C 312/09)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán, D. Lawunmi u M. Wilderspin, aġġenti)

Konvenuta: L-Irlanda (rappreżentant: D. O'Hagan, aġġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 4, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13 u 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, dwar l-iskart (ĠU L 194, p. 39), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE, tat-18 ta' Marzu 1991, (ĠU L 78 p. 32) — Skart mhux kopert minn leġiżlazzjoni oħra

Dispożittiv

- (1) Billi ma adottatx, ħlief fil-kontea ta' Cavan, il-ligġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mal-Artikoli 4 u 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, dwar l-iskart kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE, tat-18 ta' Marzu 1991, fdak li jīrrigwarda ilmijiet domestiċi mormija eliminati minn tankijiet settiċi fil-kampanja u minn sistemi individwali oħra ta' trattament tal-ilma, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.
- (2) L-Irlanda hija kkundannata għal tliet kwarti tal-ispejjeż tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u għandha tbatil l-ispejjeż tagħha.

- (3) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbatil kwart tal-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 197, 02.08.2008.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-29 ta' Ottubru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Finlandja

(Kawża C-246/08) ⁽¹⁾

(“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Sitt Direttiva tal-VAT — Artikolu 2(1) u Artikolu 4(1) u (2) — Kunċett ta' ‘attivitàjiet ekonomiċi’ — Uffiċċċi pubbliċi ta’ għajjnuna legali — Servizzi ta’ għajjnuna legali mogħiċċa fil-kuntest ta’ proċeduri ġudizzjarji bil-ħlas ta’ kontribuzzjoni parżjali min-naħa tal-benefiċċiarju bħala korrispettiv — Kunċett ta’ ‘rabta diretta’ bejn is-servizz mogħiċċi u l-korrispettiv riċevut”)

(2009/C 312/10)

Lingwa tal-kawża: Il-Finlandiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Aalto u D. Triantafyllou, aġġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: A. Guimaraes-Purokoski, aġġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 2(1) u 4(1), (2) u (5) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liggiċċi tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti trattament differenti, firrigward tal-VAT, għal servizzi ta’ konsulenza legali skont jekk jingħatawx minn avukati privati jew minn avukati li jaħdmu fis-servizz pubbliku tal-ghajjnuna legali — Distorsjoni tal-kompetizzjoni

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 209, 15.08.2008.